# IL-PRINCEP IC-CKEJKEN

Dramm muzikali  bbazat fuq

"Le Petit Prince"

ta'

**Antoine de Saint-Exupery**

*Kitba u Versi ta'*

**Trevor Zahra**

*Muzika Originali ta'*

**M'Anne Zammit**

## 1. HAWN WARD...

KOR: Hawn ward mimli fwieha
Li jghaxxaq il-gnien;
Hawn ward ta' kull ghamla,
B'qawsalla ta' lwien;

Hawn ward jikber wahdu
Fil-qalba tal-wied,
Hawn ward li jixxabbat,
Mas-swar ta' l-ibliet;

PRINCEP: Imm' ghandi warda wahda
Li hdejha nkun ta' spiss,
Inhobbha w niehu hsiebha,
Ghax hija tieghi biss;

U meta nkun magenbha,
Nghidilha xi kelmtejn,
U nara li tkun hienja,
Li ma jonqosha xejn.

U hija thares lejja
U tghidli minghajr kliem:
"Nirringrazzjak, hanini,

Inhobbok anki jien!"

U mill-ward tad-dinja kollha,
M'hawnx ward' isbah minn din,
Ghax hawn bejnietna rabta
Li ma tinhallx mas-snin!

KOR: Hawn ward mimli fwieha
Li jghaxxaq il-gnien;
Hawn ward ta' kull ghamla,
B'qawsalla ta' lwien;

Hawn ward jikber wahdu
Fil-qalba tal-wied,
Hawn ward li jixxabbat,
Mas-swar ta' l-ibliet;

PRINCEP: Imma hawn warda wahda
Li tfisser mhux bi ftit,
Ghax maghha jien ftaht qalbi
Fil-hemm u fit-tigrib.

Huduh maghkom il-ward l-iehor
Bil-fwieha w kollu gmiel...
Jien naf li dik tieghi

Qatt, qatt m'hi se tidbiel!

KOR (Rep. X 2)

Johrog il-PILOTA)

( Din tista' JEW titkanta JEW tinghad "recitattiv" bil-muzika b/ground jew b' "humming" mill-kor.)

2. ILTQAJT MAL-PRINCEP CKEJKEN

PILOTA: Iltqajt mal-Princep Ckejken zmien twil ilu,

Kif kont ghaddej go l-ajruplan intir,

Il-magna kellha l-hsara w htiegli ninzel

F'nofs id-dezert, biex nara x'jista' jsir.

Sibt ruhi wahdi wahdi boghod minn kollox,

'Il boghod mill-bliet, 'il boghod mill-ghagha tan-
/nies,

Fuq rasi sema skur mizghud bil-kwiekeb,

Madwari kullimkien dezert bla qies!

Ftit ikel kelli biss... u kemmxejn ilma,

W ghalhekk bdejt nahdem bl-ghagla w bla serhan

Sabiex insewwi l-hsara w nitlaq lura

Intir lejn arti gewwa l-ajruplan.

Parlant/ F'salt wiehed ilmaht tfajjel riesaq lejja,

B/g. music: Ihares cass b'ghajnejh ftit miksurin,

U qalli l-grajja stramba li zgur nibqa'

Ma ninsa qatt... jghaddu kemm jghaddu /snin!

(Jidhol il-Princep)

3. JIEN GEJT MID-DLAMIJIET

PRINCEP: Jien gejt mid-dlamijiet

Mill-gholi tas-smewwiet,

Kont nghix go pjaneta,

Mitlufa u mbieghda,

Pjaneta daqs nitfa,

Pjaneta miz-zghar,

Kont noqghod hemm wahdi,

'Qas biss kelli dar.

(parlant): Kelli, izda tliet, vulkani:

Wiehed rieqed, tnejn hajjin,

Kienu zghar, jaslu sa rkobbti,

Tliet vulkani wisq helwin.

Kull fil-ghodu kont innaddaf

Dil-pajneta daqs ballun,

Kont infarfar il-vulkani

Minn kull ghabra w nugrufun.

U fuq kollox kelli warda

Illi giet ma nafx imnejn,

Kibret helwa w delikata

B'zewg werqiet bhal zewg idejn!

Hallejtha f'dak is-skiet,

Bil-bahh u d-dlamijiet,

Ha nsib it-twegiba

Tal-mistoqsijiet;

Poggejtha taht bozza,

Sabiex ma thossx ksieh,

Sellimt lill-vulkani.

U tirt ma' l-irjieh.

<u>(Tohrog il-WARDA - recitattiv :)</u>

WARDA: Ghaziz Princep Ckejken... milli qed nara wasal il-waqt li thallini.

PRINCEP: Iva... se jkolli nitlaq...

WARDA: Forsi dejjaqtek bit-tgergir tieghi... hux tassew: Daqqa nitolbok l-ilma... u daqqa rridek tqeghdni taht bozza minhabba l-irjieh... u daqqa...

PRINCEP: Le.. le... sbejha tieghi... mhux ghalhekk. Imma se jkolli nhallik. Irrid immur inzur l-pjaneti l-ohra. Ghandi wisq mistoqsijiet li jehtieg insibilhom twegiba.

WARDA: U meta ssib it-twegiba tahseb li tkun kuntent?

PRINCEP: Ma nafx... forsi!

WARDA: Forsi! (Lilha nnifsha.) Min jaf... forsi kull twegiba tfaqqsilna aktar mistoqsijiet godda. U ma nkunu kuntenti qatt. Forsi l-kuntentezza tkun taht imnehirna bla ma nintebhu biha....

PRINCEP: X'inti tghid Warda... xi gralek?

WARDA: Mur... mur ghaziz Princep. Thabbilx rasek ghalija!

4. QAM IR-RIH...

KOR: Qam ir-rih u l-Princep telaq

Emmm... Emmm....Emmm... Emmm... ("humming" tar-rih)

Mar 'il boghod, mar 'il-boghod

Halla l-warda u l-vulkani,

Emmm... Emmm... Emmm... Emmm...

Mar ha nzur pjaneti godda,

Mar ifittex it-twegiba...

Emmm... Emmm... Emmm... Emmm...

PILOTA: Sab ruhu fuq pjaneta

Bla bini w bla hitan,

Pjaneta ckejkna ckejkna

Fejn kien biss jghix sultan.

Bil-qieghda fuq tron wahdu

Kien ilu jghix iz-zmien,

Bil-mant goff goff madwaru

Mifrux ma' kullimkien.

KOR (rep.)

--------------------------------

SULTAN: (ihares fil-boghod) Qed nara li riesaq lejja sudditu gdid.

PRINCEP: Insellimlek, Sire; kemm inhossni ghajjien!!! (jittewweb)

SULTAN: X'gharukaza... ma tafx li ma tistax tittewweb quddiem sultan?

PRINCEP: Skuzani Sire... mhux tort tieghi. Ghadni gej minn vjagg twil u nhossni ghajjien mhux ftit.

SULTAN: (Jahsibha ghal ftit) Kollox sew... mela... mela nordnalek biex tfittex tittewweb. Isa... ittewweb.

PRINCEP: Skuzani Maesta`, imma ma nistax nittewweb meta rrid jien. It-titwiba tigi ahidha xhin jiftlilha.

SULTAN: Tajjeb... tajjeb.. mela nordnalek biex xi drabi tittewweb xi drabi ma tittewwibx.

## 5. SULTAN JEHTIEG HAFN' GHAQAL

KOR: Sultan jehtieg hafn' ghaqal

X'hin jaghti l-ordnijiiet,

'Kk jixtieq li n-nies ta' tahtu

Jobduh minghajr inkwiet.

Jekk jordna kif jiftillu ,

B'nuqqas ta' attenzjoni;

Flok f'pajjizu ssaltna l-ordni

Taf tqum f'salt rivoluzzjoni!

PRINCEP: Sire... nista' naghmillek mistoqsija ?

SULTAN: Dazgur... anzi nordnalek taghmilli kemm mistoqsijiet trid.

PRINCEP: Sire, f'din il-pajenta donnu m'hawn hadd hliefek. Allura inti lil min tikkmanda ?

SULTAN: Eh.. jien nikkmanda kull ma qed tara. Il-pjaneti u l-istilel kollha ta' l-Univers.

PRINCEP: U jobduk?

SULTAN: Dazgur... jiena ma nippermetti l-ebda insubordinazzjoni. Kollha jobduni immedjatament!

PRINCEP: Mela, nitolbok, ikkmanda lix-xemx tinzel. Jiena tghidx kemm inhobb nara nzul ix-xemx. Fil-pjaneta tieghi, peress li hija zghira hafna, jkolli 44inzul u tlugh ix-xemx kuljum.

SULTAN: Kollox sew... minn hawn u ftit iehor tarani nikkamnda lix-xemx biex tinzel u tobdini minnufih.

PRINCEP: Meta ?

SULTAN: Meta l-kundizzjonijiet ikunu favorevoli; jigifieri minn hawn u... (johrog arlogg mill-but) saghtejn u tmien minuti ohra.

KOR: <u>(KANT: - repetizzjoni ta':)</u>

<u>"Sultan jehtieg hafn' ghaqal"... ecc</u>

SULTAN: Jekk jiena nordna lill-Generali tieghi biex itiru bhall-friefet minn fjura ghall-ohra ,u dawn ma jobdunix; min ikun qed jizbalja jien jew huma?

PRINCEP: Inti, Sire...

SULTAN: Prosit! Wiehed jehtieg li jistenna mis-sudditi tieghu dawk id-dmirijiet biss li huma jkunu kapaci jwettqu. Jekk nordnalhom jinxtehtu minn sur ghal isfel nispicca biex inqajjem rewwixta... mhux hekk...? Ghalhekk jiena nistenna obbidjenza assoluta, ghax naf li l-ordnijiet tieghi huma kollha ragjonevoli.

KOR: <u>"Sultan jehtieg hafn' ghaqal..."</u>

PRINCEP: Issa Sire, se jkolli nhallik.

SULTAN: Ma jistax ikun. Jiena ma tajtek l-ebda ordni biex titlaq minn quddiemi. Ara, jekk tibqa' tghix hawn mieghi nahtrek Ministru tal-Gustizzja.

PRINCEP: Imma Maesta` f'dil-pjaneta, m'hawn hadd lil min niggudika.

SULTAN: Sewwa... mela ggudika lilek innifsek. Dik hija l-aktar haga difficli. Wisq itqal tiggudika lilek innifsek milli lill-ohrajn. Jekk jirnexxilek tiggudika lilek innifsek tajjeb tkun tassew bniedem gharef.

PRINCEP: Sire, min dan li qed nara inti bniedem gharef tassew. Ghalhekk, jekk tixtieq li tigi obdut minnufih, nissuggerilek li taghtini ordni biex infittex nitlaq.

SULTAN: Kollox sew... mela bis-setgha kollha tieghi nordnalek titlaq.

<u>(Johrog il-PILOTA)</u>

<u>6. GHAXRA U WIEHED...</u>

PILOTA: U hekk il-Princep rega' mar jiggerra

Qalb dak il-bahh ta' l-Univers immens,

Xtaq jara jsibx habib qalb il-pjaneti

Jew xaqq ta' dawl li jaghmel ftit tas-sens.

U rega' nizel fuq pjaneta ckejkna,

Fuq kien jghix neguzjant... dejjem wahdien,

Fuq skrivani sieket jghodd in-numri

Attent lejn xoghlu biss, dejjem hosbien.

NEGUZ: Ghaxra w wiehed jaghmlu hdax

Hdax u tlieta = erbatax,

Ghaxra w tnax = tnejn u ghoxrin,

Tlieta ghal tnax = sitta w tletin

Elf, tliet mija w wiehed,

Elf, tliet mija w tnejn,

Tlitt elef mija u ghaxra,

Tlitt elf u mitejn.

KOR: (rep.)

<u>IL-PRINCEP JERSAQ LEJN IN-NEGUZJANT:</u>

PRINCEP: Is-sliem ghlaik, habib... hemm x'inti tghodd ?

NEGUZ.: Tlitt elef mitejn u wiehed, tlitt elef mitejn u tnejn... X'gara?

PRINCEP: Staqsejtek x'inti tghodd ?

NEGUZ.: Tfixkilnix. Tlitt elef, mitejn u hamsa, tlitt elef, mitejn u sitta...

PRINCEP: X'inti tghodd ?

NEGUZ.: L-istilel.

PRINCEP: L-istilel??!! Dawk ghalfejn qed tghoddhom?

NEGUZ.: Fl-erbgha u hamsin sena li ili nghammar fuq dil-pjaneta, gejt disturbat tliet darbiet biss. L-ewwel darba kien tnejn u ghoxrin sena ilu, meta waqghet fuq rasi papra daqs dinja li ma nafx mnejn il-mniefah giet! It-tieni darba kien meta hdax-il sena ilu tani attakk tar-rewmattizmu... Taf inti, peress li jien dejjem bil-qieghda hawnhekk nghodd l-istilel ma tantx ikolli hin ghal ezercizzju fiziku. M'ghandix mohh hmerijiet bhal dawn. U t-tielet darba propju issa...

PRINCEP: Ghalfejn qed tghodd l-istilel?

NEGUZ.: Ghax dawk tieghi.

PRINCEP: Tieghek? Kif jista' jkun? Jien ga ltqajt ma' Sultan...

NEGUZ.: Is-Slaten m'ghandhom xejn taghhom. Dawk jirrenjaw biss.

PRINCEP: U x'taghmel b'dawn l-istilel kollha?

NEGUZ.: Heqq.. insir sinjur! U jekk jiskopru stilel godda nkun nista' nixtrihom u jkolli dejjem aktar.

KOR: <u>"Ghaxra u wiehed jaghmlu hdax...."</u>

PRINCEP: Imma ghidli... kif jista' jkun li l-istilel huma tieghek?

NEGUZ.: Inti ta' min tahseb li huma ?

PRINCEP: Ma nafx. Nahseb li mhuma ta' hadd,

NEGUZ.: Tajjeb... mela jekk mhuma ta' hadd nista' nohodhom jien! Jekk issib curkett li ma jkun ta' hadd isir tieghek, mhux hekk? Jekk tiskopri gzira li mhi ta' hadd issir tieghek. Mela l-istilel huma tieghi ghax dil-haga hadd ma hasibha qabli.

PRINCEP: Imma billi huma tieghek, x'tista' taghmel bihom?

NEGUZ.: Namministrahom. Jigifieri nghoddhom u nerga' nghoddhom. Nikteb in-numri kollha fuq dil-karta u nsakkarha tajjeb go kexxun...

KOR U NEGUZ: "Ghaxra u wiehed jaghmlu hdax..."

PRINCEP: Xi mkien, 'il boghod, jien ukoll ghandi warda u tliet vulkani li nsejhilhom tieghi. Lill-warda nsaqqieha kuljum, u lill-vulkani nnaddafhom kuljum ukoll. Ghalhekk lilhom inkun qed niswielhom ta' xi gid. Imma lill-istilel x'gid qed jiswielhom in-Negozjant?

PILOTA: U l-Princep rega' qabad triqtu. Aktar ma jivvjagga 'l boghod aktar beda jhoss bhal vojt f'qalbu. Aktar beda jhossu jixxennaq ghal dik il-pjaneta ckejkna tieghu, fejn halla warda wahidha taht bozza tal-hgieg, u tliet vulkani ckejknin li m'ghandhom lil hadd min inaddafhom. Izda l-Princep kompla triqtu u ma damx ma wasal fi pjaneta ohra. Kienet pjanta kbira li fuqha kien jghammar Gografista gharef.

## 7. KIEN JISTUDJA L-ARTIJIET.

KOR: Kien jistudja l-artijiet,

Oceani kbar w gholjiet,

Il-muntanji, gungli w xmajjar,

Id-dezerti u l-ghadajjar.

Kien jistudja lejl u nhar,

Jikteb biss volumi kbar,

Hemm kien jghix mitluf fil-hsieb

Qalb il-folji ta' mitt ktieb.

GOGR: Ah... wasal sa fl-ahhar esploratur...

PRINCEP: Is-sliem ghalik. X'inti taghmel b'dawk il-kotba kollha quddiemek?

GOGR: Jiena Gografista, u xoghli hu propju li nistudja dwar fejn jinsabu x-xmajjar u l-ibhra u l-artijiet kollha.

PRINCEP: Prosit! Ghandek vulkani fuq din il-pjaneta?

GOGR: Ma nafx.

PRINCEP: Kif ma tafx... m'ghadekx kemm ghidtli li inti Gografista?!

GOGR: U hekk hu. Imma dak li jitkixxef dwar il-muntanji u l-vulkani mhuwiex il-Gografista, imma l-esploratur. U fil-pajneta tieghi m'ghandi l-ebda esploratur. Taf inti, jien m'ghandix zmien niccaqlaq minn fuq l-iskrivanija tieghi u noqghod niggerra 'l hawn u 'l hinn mal-pjaneta kollha, nahli l-hin fil-hmerijiet. Ghandi xoghol wisq aktar importanti x'naghmel...

PRINCEP: X'taghmel ?

GOGR: Kif x'naghmel??!! Nistenna li jasal xi esploratur u jgibli t-taghrif hu. Imbaghad innizzel kollox bil-lapes... hawn f'dan il-ktieb.

PRINCEP: Bil-lapes?

GOGR: Dazgur. Ghax qabel ma naccetta dak li jghidli l-esploratur inkun irrid naghmel inkjesta dwar il-karattru tieghu. Esploratur giddieb jista' jgibli dizastru shih fil-kotba tieghi. U lanqas ma nista' nafda wiehed li jkun ihobb il-qatra.

PRINCEP: L-ghaliex?

GOGR: Heqq... ghax min ikun sakranazz jara doppju u xejn ma jrid biex jghidli li hemm zewg muntanji meta fil-fatt ikun hemm wahda biss. Fil-kotba tieghi ma nistax nittollera gideb! Meta nkun cert innizzel kollox bil-linka. Issa ghidli kull ma taf dwar il-pjaneta tieghek.

<u>(repetizzjoni ta' parti mill-Kanzunetta Nru: 3)</u>

PRINCEP: Jien gejt mid-dlamijiet

Mill-gholi tas-smewwiet,

Kont nghix go pjaneta,

Mitlufa u mbieghda,

Pjaneta daqs nitfa,

Pjaneta miz-zghar,

Kont noqghod hemm wahdi,

'Qas biss kelli dar.

Kelli, izda tliet, vulkani:

Wiehed rieqed, tnejn hajjin,

Kienu zghar, jaslu sa rkobbti,

Tliet vulkani wisq helwin.

Kull fil-ghodu kont innaddaf

Dil-pajneta daqs ballun,

Kont infarfar il-vulkani

Minn kull ghabra w nugrufun.

U fuq kollox kelli warda

Illi giet ma nafx imnejn,

Kibret helwa w delikata

B'zewg werqiet bhal zewg idejn!

GOGR: Il-warda ma tinterssanix. Dik ma tistax titnizel f'kotba importanti bhal taghna.

PRINCEP: Ghala le ? Il-warda tieghi hija l-isbah haga li ghandi fil-pjaneta kollha.

GOGR: Mill-kotba kollha li jezistu, il-kotba taghna l-Gografisti huma l-aktar kotba importanti. Dawn qatt ma jeqdiemu. Qatt ma nisimghu li xi muntanja bidlet postha jew li xi ocean tbattal mill-ilma.

PRINCEP: Imma vulkan mejjet jista' f'salt jiehu l-hajja.

GOGR: Dan lilna ma jinterssanix. L-importanti hija l-muntanja. Din xorta wahda tibqa' fejn hi. Ghalhekk ghidtlek li l-fjura tieghek mhix importanti. Dik efemerali!

PRINCEP: Efemerali? x'jigifieri??

GOGR: Jigifieri qieghda fil-periklu li minn hin ghal iehor tispicca fix-xejn.

PRINCEP: (hosbien) Fil-periklu li tispicca fix-xejn... u jien tlaqtha wahidha.

GOGR: Tfajjel... qed narak donnok qalbek sewda. Jekk trid ittajjar dan in-niket minn fuqek jaqbillek izzur id-Dinja.

PRINCEP: Id-Dinja?

GOGR: Id-Dinja tal-Bnedmin! Jghidu li mhawnx post ahjar minnha biex tinsa kollox u dderri u thoss ruhek ferhan.

PRINCEP: Id-Dinja... id-dinja....

(Repetizzjoni ta' parti minn KANZUNETTA nru.6)

PILOTA: U hekk il-Princep rega' mar jiggerra

Qalb dak il-bahh ta' l-Univers immens,

Xtaq jara jsibx habib qalb il-pjaneti

Jew xaqq ta' dawl li jaghmel ftit tas-sens.

U wasal god-dezert, fid-Dinja taghna,

Imnikket shih, mitlu... xi ftit ghajjien,

Madwaru kollox bahh, u solitudni,

U bnedmin hbieb ma seta' jsib imkien.

Sa fl-ahhar lemah serp ma' l-art jitkaxkar,

Li resaq b'heffa kbira kbira hdejh,

Iffissa harstu cassa lejn il-Princep,

U tkebbeb cirku tond madwar riglejh.

SERP: Bongu tfajjel... dan x'giebek lil hawn.

PRINCEP: Possibbli din hija d-dinja? X'solitudni hawn. Jiena gejt infittex il-bnedmin.

SERP: Eh, tfajjel. Is-solitudni tista' ssibha kullimkien. Anzi qalb folla bnedmin tinhass aktar.

PRINCEP: Kemm inti hlejqa stramba... inti xi tkun?

SERP: 8. JITMERRUNI W JAHARBUNI

Jistmerruni,

W jaharbuni

Dawk il-halja ta' bnedmin,

X'hin jarawni,

W josservawni,

Fl-art nitkaxkar tul is-snin.

Imma dina

Ghira fina,

Ghax jaraw kemm jien setghan,

Jafu sewwa

Li hawn gewwa

Aktar qawwi minn sultan!

U nisthajjel,

siehbi... tfajjel...

Jekk hawn thossok li ghejejt,

Jien hawn fejnek

Lest biex nghinek,

Naf nibaghtek fis mnejn gejt!

PRINCEP: Tassew tista' tghinni?

SERP: Dazgur... ghalkemm jiena rqiq daqs saba' ta' bniedem, ghandi qawwa aktar minn saba' ta' sultan. U ghad li m'ghandix riglejn nista' ngorrok 'il boghod 'il boghod wisq aktar milli jiehdok vapur jew ajruplan. Lil kull minn immissu bi snieni jiena nibaghtu lejn il-post mnejn ikun gie.

PRINCEP: Tassew ?

SERP: Iva. Inti tidher innocenti wisq u xejn mhu postok qalb din id-dinja harxa tal-bnedmin. Jekk xi darba taghmel il-hsieb li tmur lura lejn darek...

(Serp iwarrab u l-Kor jirrepeti Kanz. nru. 8)

<u>(Jidhol IL-VOLPI u jmur jistahba wara blata.)</u>

VOLPI: Bongu...

PRINCEP: (Jisimghu imma ma jilmhux) Bongu... fejn inti?

VOLPI: (jixref) Bongu... hawn jien!

PRINCEP: Int min int?

VOLPI: Jiena Volpi.

PRINCEP: Ersaq ftit lil hawn ha noqoghdu jilaghbu flimkien...

VOLPI: Ma nistax, ghax ghal issa ghadni minix mans.

PRINCEP: Mans??? Xi tfisser "mans"?

VOLPI: Mid-dehra inti mintix minn dawn l-inhawi. X'inti tfittex... ghid?

PRINCEP: Qed infittex il-bnedmin.... Xi tfisser "Mans"?

VOLPI: Eh... il-bnedmin huma hlejjaq strambi. Dejjem igorru l-ixkubetti maghhom; imma fl-istess hin irabbu t-tigieg ukoll. U jien dawk l-aktar li jinterssawni. Jaqaw inti wkoll qed tfittex it-tigieg?

PRINCEP: Le.. jien qed infittex il-bnedmin. Ghadek m'ghidtlix xi tfisser il-kelma "mans"

VOLPI: Eh... dik hija kelma li l-bnedmin spiss iwarrbuha fil-genb. Meta timmansa lil xi hadd tkun qed tistabbilixxi rabtiet importanti.

PRINCEP: Miniex nifhmek.

VOLPI: 9. GHALIK JIEN BISS WIEHED.

Ghalik jien biss wiehed minn salt volpijiet

Ghalij' int biss tfajjel bhal hafna mijiet,

Tarani w tinsieni hekk kif inhallik,

Ghax jien xejn ma nfisser ghalik!

'Mma jekk timmansani bil-hlew kif imiss,

'Nsir volpi specjali, ghalik... w ghalik biss,

U inti ghalija ssir tfajjel prezzjuz

Bil-wisq differenti mill-gzuz!

U b'hekk ahna nkunu mmansajna 'l xulxin,

U b'rabta specjali nisfaw marbutin,

'Mma r-rabta li nsawru tweggaghna bis-shih,

Ghax m'hawn l-ebda mhabba bla wgigh!

VOLPI: Ghidli habib... ma tixtieqx timmansani ?

PRINCEP: Iva, nixtieq, imma ma nafx kif... ghax.. ghax hawn hafna hwejjeg li ghadni ma fhimthomx.

VOLPI: Eh habib, nistghu nifhmu biss dawk il-hwejjeg li nkunu mmansajna. Ghalhekk il-bnedmin qatt m'ghandhom zmien jifhmu xejn... ghax dak jixtru kollox lest mill-hwienet. U sa fejn naf jien m'hawn l-ebda hanut li jbigh il-hbiberija. U ghad li jien miniex bnieden nibza' li qieghed niddakkar minnhom. Il-hajja tieghi saret monotona bhal taghhom.

PRINCEP: Nifhmek sieheb... mindu tlaqt mill-pjaneta tieghi hajti qed issir monotna wkoll.

VOLPI: Jien nikkaccja t-tigieg u l-bnedmin jikkaccjaw lili. Il-bnedmin ghalija huma kollha l-istess u t-tigieg kollha l-istess ukoll. Imma jekk inti tithajjar timmansani, tkun qisek xgheltli xemx f'hajti. Nibda naghraf il-passi tieghek. Waqt li l-passi ta' l-ohrajn igerrxuni u jibaghtuni ninheba gol-bejta, il-passi tieghek jimlewni bil-ferh u johorguni nigri mill-mohba. U barra minn hekk hemm ukoll l-ghelieqi tal-qamh...

PRINCEP: L-ghelieqi tal-qamh??? Af li tassew miniex nifhmek...

VOLPI: Ara habib, jiena ma nikolx hobz u ghalhekk l-ghelieqi tal-qamh ghalija ma jfissru xejn. Kull meta narahom bil-kemm naghti kashom... u dn mhux haga sew. Imma jekk timmansani kollox jinbidel. Meta nilmah il-lewn dehbien ta' ghalqa qamh nibda niftakar fil-lewn dehbien ta' xuxtek. B'hekk il-qamh jibda jkollu tifsira specjali ghalija... dehra li tfakkarni fik. U minhabba fik nibda nhobb anki l-hoss tar-rih ihaxwex qalb il-qamh....

KOR: <u>(repetizzjoni ta' Kanzunetta nru.9)</u>

PRINCEP: Issa qed nifhem... darba wkoll jiena kont immansajt warda... u hija mmansat lili. Ghalija hija specjali... differenti mill-ward l-iehor kollu, ghax bejnietna hemm rabta... ersaq lejja habib... ersaq halli nimmansak!

(Il-Princep u l-Volpi jitilqu)

(johrog il-Pilota)

PILOTA: U kien propju ftit wara l-laqgha tieghu mal-Volpi, li jiena ltqajt mal-Princep. Il-hsara li kelli fl-ajruplan ma stajtx insib tarfha u l-ftit ilma li kelli kien wasal fil-qiegh. Il-Princep baqa' hdejja u qaghad jirrakkuntali dak kollu li ghadkom kemm smajtu. Sa fl-ahhar ma flahtx nissaporti l-ghatx aktar... Hsibt li ghalija kien wasal it-tmiem. Izda l-Princep qawwieli qalbi....

(johrog il-Princep)

PRINCEP: Taqtax qalbek habib... imxi halli nfittxu l-ilma.

PILOTA: Fejn trid insibu l-ilma f'dezert bhal dan?

PRINCEP: Iva... x'imkien irid ikun hawn bir. U ghalhekk id-dezert huwa sabih... ghax nafu li x'imkien qieghed jostor bir.

10. FI TFULITI....

KOR: Fi tfuliti konna nghixu f'dar qadima,

Kienu jghidu l' hemm tezor midfun xi mkien,

Hadd ma kien jaf fejn jinsab... fejn kien qed mohbi...

'Mma did-dar ghalija kellha gmiel bla tmiem.

Kont inhossni tabilhaqq bil-ferh se ntir

Naf li fiha jinsab mohbi tezor kbir.

Id-dezert bla tarf u vojt u niexef qoxqox,

Izda jaf isir dezert helu w sabih,

X'hin tintebah li x'imkien gol-qalb ta' qalbu

Hemm bir ilma jistenniek, mohbi go fih.

( W hekk inhossni tabilhaqq bil-ferh se ntir

X 2 ( Naf li fih ukoll hemm mohbi tezor kbir.

<u>(Jitfacca bir!</u>

<u>Il-Pilota u l-Princep jersqu jixorbu minnu).</u>

PILOTA: Issa nhossni ahjar... issa zgur ikolli sahha bizzzejjed biex insewwi l-hsara tal-magna.

PRINCEP: Iva.. imma issa ahjar tistrieh....

<u>(Pilota jorqod - jidhol il-Volpi)</u>

VOLPI: Habib... f'ghajnejk qed nilmah harsa miksura. Nahseb li wasal il-waqt li thallini.

PRINCEP: Iva... se jkollna ninfirdu...

VOLPI: Mela issa jiena jkolli mmur go rokna u noqghod nibki wahdi.

PRINCEP: Imma habib, kollu tort tieghek. Tinsiex li inti tlabtni nimmansak. U issa se jkollok toqghod tibki minhabba fija.

VOLPI: Hekk hu...

PRINCEP: Mela forsi kien ikun ahjar li kieku ma mmansajtek xejn... ghax ara... ma swielek ta' l-ebda gid.

VOLPI: Le, le, swieli ta' hafna gid. Insejtu l-lewn dehbien ta' l-ghelieqi tal-qamh? Ismaghni sewwa habib. Ftakar li jekk irridu naraw car m'ghandna qatt nuzaw ghajnejna... imma qalbna. Il-qalb biss tara l-verita`. L-aktar hwejjeg importanti huma dawk invizibbli. Ghal dawk li jharsu lejn il-warda tieghek b'ghajnejhom biss jahsbu li hija warda komuni... bhall-eluf ta' l-eluf li jixbhuha. Imma inti thares lejha b'qalbek u ghalhekk taf li dik hija specjali. Ftakar... dak li jaghmel lill-warda tieghek specjali huwa propju l-hin li inti hlejt fuqha. Il-bnedmnin dan kollu nsewh. Imma inti jehtieg li ma tinsiehx. Ahna nibqghu dejjem responsabbli ta' dawk il-hwejjeg kollha li nimmansaw....

PRINCEP: Mela jiena responsabbli tal-warda tieghi...

VOLPI: Sahha habib...

PRINCEP: Responsabbli taghha... u jien hallejtha wahidha taht bozza tal-hgieg...

(Il-Volpi jitlaq - Pilota jistenbah)

PILOTA: X'gara habib... jaqaw... jaqaw se titlaqni.

PRINCEP: Ghajnejk mhux se jarawni aktar... imma tibzax... miniex se nitilqek...

PILOTA: Fejn sejjer ?

PRINCEP: Hemm... qalb dawk il-kwiekeb.... se nkun nittawwallek minn hemm fuq...

PILOTA: Imma... imma jien lanqas biss se nkun nista' nilamh il-pajenta tieghek qalb dawk il-kwiekeb kollha. Nitolbok thallinix wahdi. Ibqa' hawn mieghi.

PRINCEP: Kull meta jiena nhares lejn l-istilel inhossni nimtela bil-ferh ghax naf li x'imkien... f'xi wahda minnhom hemm warda tistennieni. U inti wkoll se tibda thossok ferhan meta thares 'il fuq. Mil-lum 'il quddiem is-sema sewdieni ghalik se jkollu tifsira gdida... l-istess bhall-ghelieqi tal-qamh. Ghax issa taf li x'imkien se jkun hemm jiena nahseb fik u nitbissimlek.

PILOTA: Kif se jirnexxilek tmur lura...?

PRINCEP: Is-serp....

PILOTA: X'wahda din! Dak jeqirdek bil-velenu qattiel tieghu! Fejn hu? Fejn hu?

PRINCEP: Le habib... hallini ha mmur infittxu...

PILOTA: Le ma nhallikx. Nigi mieghek...

PRINCEP: Frakar: dak li naraw b'ghajnejna mhuwiex il-verita`. Ahjar tibqa' hawn ghax inkella ssofri hafna minhabba fija. Ghax... ghax meta thares lejja b'ghajnejk tahsibni qed inbati. Imma din ma tkunx il-verita`. Biex nasal sal-pjaneta tieghi rrid nivvjagga hafna u ghalhekk se jkolli nhalli warajja dan il-gisem tqil. Meta

tilmhu mitluq ma' l-art ftakar li dak hu biss qoxra. Sahha habib... il-warda tieghi qed tistennieni.

(Waqt il-kant li gej, johrog is-Serp u jizfen madwar il-Princep sakemm dan jaqa' mejjet ma' l-art.  Xi zeffiena ohra jerghu lil Princep f'dirghajhom).

KOR: Hawn ward mimli fwieha

Li jghaxxaq il-gnien;

Hawn ward ta' kull ghamla,

B'qawsalla ta' lwien;

Hawn ward jikber wahdu

Fil-qalba tal-wied,

Hawn ward li jixxabbat,

Mas-swar ta' l-ibliet;

Imm' ghandi warda wahda

Li hdejha nkun ta' spiss,

Inhobbha w niehu hsiebha,

Ghax hija tieghi biss;

U meta nkun magenbha,

Nghidilha xi kelmtejn,

U nara li tkun hienja,

Li ma jonqosha xejn.

U hija thares lejja

U tghidli minghajr kliem:

"Nirringrazzjak, hanini,

Inhobbok anki jien!"

U mill-ward tad-dinja kollha,

M'hawnx ward' isbah minn din,

Ghax hawn bejnietna rabta

Li ma tinhallx mas-snin!

PILOTA: Illum ghadda hafna zmien minn din il-grajja, imma l-ward, u l-ghelieqi tal-qamh u s-smewwiet mimlijin stilel, sar ghandhom tifsira specjali ghalija. Kull meta nhares 'il fuq naf li x'imkien f'xi stilla minn dawk l-eluf ta' l-eluf hemm par ghajnejn jitbissmuli. Harsu intom ukoll... izda tharsux b'ghajnejkom. Harsu b'qalbkom... u l-Princep ic-Ckejken jimmansa lilkom ukoll!

KOR: Hawn ward mimli fwieha

Li jghaxxaq il-gnien;

Hawn ward ta' kull ghamla,

B'qawsalla ta' lwien;

Hawn ward jikber wahdu

Fil-qalba tal-wied,

Hawn ward li jixxabbat,

Mas-swar ta' l-ibliet;

Imma hawn warda wahda

Li tfisser mhux bi ftit,

Ghax maghha jien ftaht qalbi

Fil-hemm u fit-tigrib.

Huduh maghkom il-ward l-iehor

Bil-fwieha w kollu gmiel...

Jien naf li dik tieghi

Qatt, qatt m'hi se tidbiel!

============================================

**T M I E M**

=============================================